MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 285/2005

**Reginiano Caruana (ID 38149M) u martu**
**Mary Caruana (ID 644748M)**

**Vs**

**Johann Micallef (ID 550676M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u dsatax-il lira Maltin (Lm1,319) rapprezentanti flus mislufa *brevi manu*, danni rizultanti mill-kuntratt ta' appalt, hlas ta' surveyor u ammont imhallas zejjed lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf tlett mija u dsatax-il lira Maltin (Lm1,319), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------